MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 369/2006

Il-Pulizija
(Spettur R. Veneziani)
Vs

Abdul Basset Dabia

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli
1. nhar it-Tnejn, 4 ta’ Settembru, 2006 f’tas-Sliema u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, sahhah il-volonta’ ta’ Ali Mustafa Kabes jaghmel id-delitt, u cioe’ dak ta’ serq. Dan bi ksur tal-artikolu 42(e) u 43 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. taht l-istess cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAA-409, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-Lm1,000, ghad-dannu ta’ Anna Spiteri mill-Hamrun. Dan bi ksur tal-artikoli 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess zmien u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer saq vettura bin-numru HAA-409 mhux licenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija meta ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni;
4. talli sar recidiv ai termni ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, u cioe' Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D, diversament preseduta u datata 6 ta' Marzu, 2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) Kap 65, l-artikolu 3 Kap 104, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w ir-raba' akkuza w ghalhekk illiberatu minnhom izda sabitu hati tat-tielet akkuza w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1500) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.
Ai termini tal-Artikolu 28B il-Qorti rrendiet effettiv il-perjodu ta' sena prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din illiberatu mill-ewwel, it-tieni w ir-raba' akkuza, tikkonferma wkoll in kwantu din sabitu hati tat-tielet akkuza, w thassaraha w tirrevokaha in kwantu, wara li rat ukoll il-fedina penali tal-appellant minn fejn irrizulta illi fis-6 ta' Marzu 2006, l-appellant inghata sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sena skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9, ai termini tal-Artikolu 28B, irrendiet effettiv il-perjodu ta' sena prigunerija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant dwar il-piena huma s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati li kiser is-sentenza sospiza u dan meta mhux talli ma ngabet ebda prova ta' dan waqt it-trattazzjoni tal-kawza, izda, aktar w aktar il-prosekuzzjoni lanqas biss inkludiet dan il-ksur tas-sentenza sospiza fl-akkuzi dedotti kontra l-appellant. L-Ewwel Qorti ma setghet qatt minn jeddha

sabet lill-appellant hati ta' ksur tas-sentenza sospiza u b' hekk tikkonvertiha ghal sentenza ta' habs effettiv, ghaliex altrimenti hu ma jkollux l-opportunita' li jaghmel difiza dwar dan.

Illi in linea sussidjarja, l-piena inflitta ta' Lm1500 u sena sospensjoni hija iebsa, partikolarment meta din hija l-ewwel darba lil-appellant instab hati ta' dar-reat. Ikun gust u ekwu li l-piena tinghata fil-minimum taghha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena.

Illi l-ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati ta' ksur tas-sentenza sospiza minghajr ma kien hemm akkuza w trattazzjoni dwar tali addebitu. Issa, bhala fatt, hu minnu li fl-akkuza ma jissemmiex il-ksur tal-kondizzjoni li tifforma parti mis-sentenza sospiza. L-appellant gie' akkuzat biss bl-addebitu tar-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u dan b' riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-istess Magistrat tas-6 ta'Marzu,2006. Pero' minn dan l-addebitu l-appellant gie liberat fis-sentenza appellata.

L-Ewwel Qorti mbaghad ziedet tghid testwalment hekk :-

"Rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi fis-6 ta' Marzu, 2006, l-imputat inghata sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sena skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 u dan minn din il-Qorti kif preseduta. Din ma tistax tghaddi inosservat minkejja li l-prosekuzzjoni ma semmiet

xejn dwarha. Ghalhekk ai termini tal-artikolu 28B qed tirrendi effettiv il-periodu ta’ sena prigunerija mil-lum….”

Ikkonsidrat;

Illi l-abbli prosekutur irribatta fit-trattazzjoni orali li l-fatt li wiehed ikun ikkommetta reat soggett ghall-prigunerija fit-terminu tal-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza mhix akkuza per se, imma jekk  tirrizulta lill-Qorti ghandha tigi applikata .

Illi pero’ l-artikolu 28D tal-Kap.9 jiddisponi li jekk il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati jkun jidhrilha li wiehed ikun instab hati ta’ reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija maghmul matul il-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza, u li ma jkunx gie trattat dwar dik is-sentenza sospiza, dik il-Qorti ghandha, jew *ex officio* jew wara rikors mill-Avukat Generali jew mill-Pulizija Ezekuttiva, tohrog citazzjoni li biha tordna lill-hati li jidher quddiemha f’ data u f’ hin li jkun specifikat fiha, jew tohrog mandat ghall-arrest tieghu. Ic-citazzjoni jew il-mandat mahrug bis-sahha ta’ dan l-artikolu ghandhom jordnaw lill-hati biex jidher, jew li l-hati jingieb, quddiem il-Qorti sabiex jigi trattat dwar is-sentenza sospiza. (sottolinear ta’ din il-Qorti.)

Minn din id-dispozizzjoni jidher car li meta l-Ewwel Qorti f’ dan il-kaz *ex officio* deherilha li l-appellant kien ikkommetta reat fil-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza, sia pure moghtija minnha stess kif preseduta,  kienet obbligata li tohrog citazzjoni jew mandat kontra l-appellant biex iwiegeb ghal dan il-ksur u mhux tghaddi biex tittratta miehu fis-sentenza appellata kif ghamlet, meta ma kellha ebda addebitu tali quddiemha u bla ma tali addebitu gie qatt trattat quddiemha.

Apparti id-dettam espress tal-ligi li jirrikjedi dan, l-appellant ghandu ragun jilmenta li hu gie b’ hekk priv min kull opportunita’ li jiddefendi ruhu minn dan l-addebitu li gie mizjud mill-Ewwel Qorti bla ma saret ebda trattazzjoni fuqu.

Ghalhekk l-ewwel aggravju jidher gustifikat u ser jigi milqugh bil-provvediment infraskritt.

Dwar it-tieni aggravju li jirigwarda biss l-ammont tal-multa u l-periodu ta’ sospensjoni jinghid li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.)

F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex skond l-art. 3 (2) (a) tal-Kap.104, il-piena ghar-reat ta’ sewqan ta’ vettura minghajr kopertura ta’ polza tas-sigurta’ kontra r-riskji ta’ terzi hija dik tal-multa ta’ mhux inqas minn lm1000 u mhux izjed minn Lm2000 jew prigunerija ta’ mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa u l-prigunerija flimkien ghall-ewwel reat. Umbaghad l-artikolu 3 (2A) jiddisponi li l-hati jrid jigi skwalifikat ghall-periodu ta’ tnax il-xahar mil-licenzji tieghu tas-sewqan (hlief jekk il-Qorti ghal ragunijiet specjali tikkonsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-Qorti li tordna zmien itwal ta’ skwalifika.). Inoltre l-appellant kien passibbli ukoll ghall-multa ta’ mhux izjed minn LM100 jew prigunerija ta’ mhux izjed minn tlitt xhur ghar-reat l-iehor ta’ sewqan minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija skjond l-art. 15(1) (a) tal-Kap.65, ukoll inkluz fit-tielet imputazzjoni.

Terga u tghid dan ma kienx l-ewwel reat ta’ din ix-xorta imma t-tielet wiehed kif jirrizulta mill-fedina penali tal-appellant. Di fatti fl-1 ta’Dicembru, 2004 u fis-16 ta’ Frar, 2005 l-appellant kien ukoll instab hati flimkien ma reati ohra li saq bla licenzja tas-sewqan u bla ma kien kopert b’ polza tas-sigurta’. Ghalhekk hu suppost li gie sentenzjat ghall-minimum ta’ multa ta’ elfejn u hames mitt lira w massimu ta’ tlitt elef lira Maltin. Igifieri l-Ewwel Qorti addirittura kkundannatu ghall-multa inqas minn dak preskritt fil-ligi (art. 3 (2) (b) tal-Kap.104). Dwar dan l-Avukat Generali pero’ ma ntavola ebda appell.

Illi mbaghad, meta tqis il-fedina penali refrattarja tal-hati li anki wasslitu biex gie sentenzjat ghal habs aktar minn darba, din il-Qorti tara li ma hemm assolutament ebda lok ghal xi temperament fil-piena tal-multa inflitta f' dan il-kaz. Inoltre il-periodu tas-sospensjoni mil-licenzji tas-sewqan hu dak iffissat tassattivament mil-ligi u ma jirrizultaw ebda ragunijiet specjali biex jigi imnaqqas.

Fuq kollox umbaghad jirrizulta mill-verbal a fol. 85 tal-process li wara li inghatat is-sentenza l-appellant kien talab lill-Ewwel Qorti li l-hlas tal-multa isir f' rati ta' LM50 kull ahhar tax-xahar. Illi talba simili tammonta ghall-akkwiexxenza ghall-inqas ghal dak il-parti tas-sentenza appellata fejn hu gie immultat LM1500.

*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Paul Abela et"** [8.2.2007]* "…meta jkun hemm l-akkwiexxenza tal-imputat ghas-sentenza, jew bil-hlas tal-multa jew bit-talba ghall-hlas tal-istess multa ratealment, dan hu inkompatibbli mad-dritt tal-appell u jammonta ghal rinunzja ghall-istess dritt t' appell. Dan ghaliex, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi"** [10.12.1992], is-semplici talba ghall-hlas rateali tikkostitwixxi akkwiexxenza ghas-sentenza, liema akkwiexxenza mhix kompatibbli mall-volonta' li jsir appell minn dik is-sentenza u il-fatt li l-appellant ikun ghadu ma hallas xejn ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabiilita' tas-sentenza ossia l-irritwalita' tar-rikors tal-appell."

Illi din il-Qorti pero' mhux ser tiddikjara l-appell irritu u null kompletament ghaliex l-akkwiexxenza dwar il-multa inflitta fuq it-tielet imputazzjoni ma ghandhiex tippriva lill-appellant mid-drittijiet tieghu skond l-art. 23D tal-Kodici Kriminali kif spjegati aktar il fuq meta l-Qorti ttrattat l-ewwel aggravju.

Pero' fic-cirkostanzi qed tiddikjara dan l-appell bazat fuq dan it-tieni aggravju appell fieragh taht kull aspett u ser taghti l-provvediment infraskritt fir-rigward tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza u tal-addebitu tar-recidiva w in kwantu sabitu hati tal-imputazzjonijiet ta’ sewqan bla licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr ma kien kopert b’ polza tas-sigurta’ kontra r-riskji ta’ terzi persuni, li huma inkluzi fit-tielet imputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghall-multa ta’ LM1500 u ordnat l-iskwalifika tieghu mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien sena; u tirrevokaha in kwantu ai termini tal-artikolu 28B irrendiet effettiv il-periodu ta’ sena prigunerija u minnflok tordna li l-atti processwali jergghu jintbaghtu lill-Ewwel Qorti, biex, jekk jidhrilha li hu l-kaz, taghti l-provvedimenti opportuni skond l-artikolu 28D(1) u (2) tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-istess appellant.

Tiddikjara l-appell fuq il-*quantum* tal-multa u fuq il-periodu tas-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant fieragh u, wara li rat l-artikolu 429 (2), 13 (2) u 14 (1) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ghall-ammenda ta’ mitt lira Maltin, konvertibbli f’ ghoxrin (20) jum detenzjoni, jekk ma jithallsux minnu llum stess.

Il-periodu ta’ sena sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jibda jiddekorri mill-lum f’ nofs il-lejl.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------